2024/3119 18.12.2024

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3119

## tas-16 ta’ Diċembru 2024

## li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/110 billi testendi l-perjodu ta’ applikazzjoni tal-miżuri ta’ emerġenza fir-rigward ta’ każijiet ikkonfermati ta’ infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fi Franza u fl-Italja u billi żżid ir-Reġjun ta’ Sqallija fl-Italja mal-Anness tiegħu bħala żona soġġetta għal miżuri ta’ emerġenza

*(notifikata bid-dokument C(2024) 8783)*

**(It-testi bil-Franċiż u bit-Taljan biss huma awtentiċi)**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 259(1), il-punt (c), tiegħu,

Billi:

(1) L-infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala) hija marda elenkata msemmija fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, u marda tal-kategoriji D u E msemmija fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([2]).

(2) Din il-marda hija fil-biċċa l-kbira assenti mill-Unjoni, iżda minn Settembru 2014 seħħew infestazzjonijiet fir-Reġjun tal-Calabria fl-Italja, u mill-2022 fid-dipartiment ekstra-Ewropew Franċiż tal-Gżira ta’ Réunion. Bħalissa d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/110 ([3]) tistabbilixxi ċerti miżuri ta’ emerġenza tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta’ każijiet ikkonfermati ta’ infestazzjonijiet bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fl-Italja u fi Franza, u l-Calabria u l-Gżira ta’ Réunion elenkati fl-Anness ta’ dik id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni bħala żoni soġġetti għal dawk il-miżuri ta’ emerġenza.

(3) Dan l-aħħar, kemm l-Italja kif ukoll Franza nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar każijiet ġodda ta’ infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala li nstabet fil-Calabria u fil-Gżira ta’ Réunion. Barra minn hekk, dan l-aħħar l-Italja nnotifikat ukoll lill-Kummissjoni dwar diversi każijiet ġodda ta’ infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala li nstabet fir-Reġjun ta’ Sqallija li mhuwiex elenkat fl-Anness ta’ dik id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni bħala żona soġġetta għal dawk il-miżuri ta’ emerġenza.

(4) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn tal-kummerċ fl-Unjoni, u biex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ imposti minn pajjiżi terzi, kif ukoll biex jiġi evitat kull tixrid tal-infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala lejn żoni oħra tal-Unjoni, jixraq li jiżdied ir-Reġjun ta’ Sqallija mal-lista tal-Istati Membri jew taż-żoni tagħhom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/110 soġġetti għal miżuri ta’ emerġenza minħabba l-preżenza ta’ infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.
([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta’ Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta’ ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta’ mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta’ speċijiet u gruppi ta’ speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta’ dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/110 tat-12 ta’ Jannar 2023 li tistabbilixxi miżuri ta’ emerġenza fir-rigward ta’ każijiet ikkonfermati ta’ infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala (*Aethina tumida*) fl-Italja u fi Franza u li tħassar id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/597 (ĠU L 13, 16.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/110/oj).

(5) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/110 tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024. Madankollu, minħabba d-diffikultajiet kontinwi li ġarrbu l-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin biex jeqirdu l-ħanfusa ż-żgħira tal-ġabsala fl-Istati Membri affettwati, jenħtieġ li jiġu estiżi l-miżuri ta' emerġenza stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Kif xieraq, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/110 tiġi emendata, sabiex tapplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

(6) Ghalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/110 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni (UE) 2023/110 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2026.";

2. l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża u lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
Olivér VÁRHELYI
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Lista ta’ Stati Membri jew żoni tagħhom soġġetti għall-miżuri ta’ emerġenza msemmija fl-Artikolu 2(1)**

| Stat Membru | Żoni soġġetti għall-miżuri ta’ emerġenza |
|---|---|
| Franza | Id-département ta’ La Réunion |
| L-Italja | Ir-Reġjun tal-Calabria: ir-Reġjun kollu<br>Ir-Reġjun ta’ Sqallija: ir-Reġjun kollu |